MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 151/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**(Spt. Fabian Fleri)**
**Vs**
**Aaron Axisa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 461582 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

1. fil-lejl bejn il-21 ta' Novembru 2009 u t-22 ta' Novembru 2009, ġewwa Triq is-Santwarju, Żabbar, ikkommetta serq minn ġewwa s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, liema serq sar għad-dannu tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, u liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-ħin;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u liema hsara saret ghad-detriment tal-parrocca ta’ Haz-Zabbar;
3. irrenda ruhu ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u aktar talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Marzu, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(e)(g), 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279, 280, 281, 325(1), 49, 50, 17, 23, 23B, 30 u 31 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija.

B’appliklazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta’ elf tlett mija u tmienja u sittin Ewro u sitta u ħamsin Ewro ċentezmi (€1368.56) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjes konnessi mal-ħatra ta’ esperti f’dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena, jew alternattivament

a. jew issibu ħati ta’ serq ta’ żewġ karti ta’ flus Maltin biss jew

b. tas-serq tad-deheb u l-flus b’dan li f’kull kaz tvarja l-piena moghtija billi minflok piena karcerarja tikkundannah ghal wahda aktar idonea tenut kont
i. taż-żmien – sena – li l-appellant dam arrestat preventivament;

ii. il-progress kbir li għamel fir-riabilitazzjoni mid-droga;
iii. tal-htiega ta’ zmien ragonevoli sabiex ihallas l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti billi l-mezzi huma limitatissimi tant li nghata l-beneficcju tal-ghajnuna legali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi fl-ewwel stqarrija tiegħu rilaxxata lill-Pulizija l-esponent kien qal li mar jixtri d-droga ma’ persuna oħra u kien dan li għaddielu ż-żewg karti tal-flus Maltin. L-Ewwel Qorti b’applikazzjoni tat-teorija tal-pussess reċenti dehrilha li l-prova li l-imputat irċieva telefonati ħdejn il-knisja ta’ Haż-Żabbar flimkien mal-pussess tal-karti tal-flus jumejn wara s-serqa

“jikkostitwixxu provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien involut fis-serqa ......”

Illi bir-rispett l-esponent ma jaqbilx mar-ragunament tal-Ewwel Qorti. Il-fatt li l-esponent kellu f’idejh iż-żewġ karti ta’ flus Maltin jista` juri li hu kien irċieva l-karti ta’ flus misruqa u mhux bilfors li seraqhom hu. B’danakollu l-prosekuzzjoni ma xlietx lill-appellant bir-riċettazzjoni bħala alternattiva għas-serq kif soltu tagħmel.

Fi kwalunkwe każ il-prova li l-appellant kellu f’idejh dawn iż-żewġ karti ma tammontax ghall-prova li huwa seraq jew irċieva l-oġġetti tad-deheb li fil-fatt insterqu.

Jekk, bla preġudizzju, l-Qorti jidhrilha li kien l-appellat li seraq id-deheb wieħed għandu jżomm quddiem għajnejn dawn il-fatti :

a) prova tal-valur tad-deheb baqgħet ma saritx;

b) il-perit tekniku Valerio Schembri, fir-relazzjoni tiegħu fl-atti tal-inkjesta, ħareġ stima ta' €95 hsara u għalhekk mhux ta' aktar minn €1164 kif imsemmi fit-tieni akkuża ħalli li din it-tieni imputazzjoni kienet mezz għall-fini tal-ewwel imputazzjoni u kien applikat l-art 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward (fol. 9 tas-sentenza appellata).

c) Wieħed ma jistax ma jsemmix li l-imputat kellu problema ta' droga iżda issa għall-grazzja t'Alla jidher li qabad it-triq it-tajba.

Kif stqarr it-tabib Moses Camilleri fin-nota mibghuta lil Vicky Scicluna – rappreżentant tal-Aġenzija Sedqa fil-Qorti – fis-27 ta' Lulju 2011

"In summary this 28 year old gentleman has shown improvement in the last eight months or so which was not seen previously over a period of ten years".

F'Ottubru 2011 xehdet Vicky Scicluna li spjegat il-progress li qed jagħmel l-appellant billi kull darba li jintalab minnu test tal-urina għall-għarrieda dejjem instab "clean" u dan minn meta huwa ngħata l-pleġġ f'Novembru 2010. Hi semmiet ukoll li ommu mietet xahar qabel.

Lanqas ta' min jinsa li l-appellant għamel sena arrestat preventivament. L-Ewwel Qorti ma daħlitx f'dawn il-punti.

L-aggravju huwa prinċipalment dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax tali apprezzament sakemm il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li għamlet raġonevolment u legalment.

Il-Qorti għalhekk għamlet analiżi tax-xhieda kif jidhru fil-proċess.

Xehed PS 192 Ramon Godano li qal li kien infurmat mill-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar li rraporta li kien sab sgassi fil-parroċċa, u d-deheb li kien fuq il-Madonna u laptop neqsin. Kien hemm ħsara wkoll fuq il-bieba tat-tabernaklu. Il-Knisja kienet magħluqa bejn id-disgħa u

nofs ta' filgħaxija u l-ħamsa u nofs ta' filgħodu. Il-Kappillan qal li kellu karta tal-ħames liri Maltija u oħra tal-għaxar liri li kien ħadilhom is-serial number. Dawn ittieħdu minn važun tal-ħġieġ (qisu dameġjana) li kien fil-knisja. (Dok SC 4). B'dawn iż-żewġ karti kien jaf is-Sur Lawrence Buhagiar.

**Xhieda Father Sebastian Caruana**

Xehed Father Sebastian Caruana li qal li kien induna li l-kanippew li jgħatti s-sagrament kien sgassat. L-erba' kaxex fejn soltu jitfgħu l-flus in-nies kienu sgassati. Il-laptop li nsteraqnormalment kien ikun fuq il-presbiterju. Dan kien inxtara fil-15 ta' Mejju 2008 u kien jiswa 892 Euro. (ara fol 24 dok SC1) Il-ħsara fuq il-bieba tat-tabernaklu hija ta' 2000 Euro. Minn fqu l-istatwa nsterqu xi ċrieket, ġiżirana tal-Bambin, xi ġiżirani żgħar bil-Madonna, xi ċappetta u xi msielet tal-Madonna. (Ritratti Dok SC2 u Dok SC3). Iċ-ċintorin biss baqa' hemm. Dawn huma oġġetti antiki u ta' ċertu valur. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx jaf kemm kien hemm flus fil-kaxxi li minnhom insterqu l-flus. Dawn, bħala regola, ma jkunx fihom ammonti kbar.
Fl-aħħar tax-xhieda tiegħu, il-Kappillan qal li kien qed jaħfer lil min kien wettaq is-serqa.

**Xhieda tal-Ispettur Daniel Zammit**

Xehed ukoll l-ispettur Daniel Zammit li qal li mit-tabernaklu ma nsteraq xejn waqt li minn fqu l-istatwa tal-Madonna bil-Bambin fuqha kienu pew nieqsa sitt ċrieket tad-deheb isfar u djamanti, par imsielet bid-deheb isfar bid-djamenti, ġiżirana u ċappetta tad-deheb isfar, medaljun bid-djamanti. Minn fuq il-Bambin kienu nsterqu ċappetta u ġiżirana tad-deheb isfar. Kienu sgassati wkoll il-kaxxi tal-offertorji li kienu wara l-bieb prinċipali tal-knisja u l-flus li kienu f'bomblu tal-ħġieġ. Il-Pulizija kienet ħadet nota tas-serial numbers li kien tahom il-Kappillan u għaddewhom lis-Central Bank. Fl-24 ta' Novembru kienu nfurmati mis-Central Bank li kienu waqqfu persuna li marret issarraf dawn il-flus. Il-persuna kienet Aaron Axisa. (Dok DZ1).

Aaron Axisa kien spjega li l-flus kienu ġew għandu minn għand Emanuel Bianchi li kien ta sehmu biex tinxtara d-droga permezz ta' dawnil-flus. Iżda Emanuel Bianchi ċaħad li kien involut fis-serqa. Aaron Axisa kien qal ukoll li huwa kein g]adda l-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Novemrbu d-dar ġewwa x-Xgħajra u ħareġ minn hemm hekk wara nofs in-nhar x'ħin iltaqa' ma' Bianchi.

Kien inġabar mobile minn fuq Aaron Axisa u l-Vodafone intalbu jagħtu call profile minn fqu din is-sim card partikolari bil-localization bejn il-21 u t-22 t' Novembru. Bejn is-1.53ta' filgħodu u l-3.58 ta' filgħodu Aaron Axisa kien irċieva telefonati u bagħat s-SMS u r-repeater li qabd dan kollu kien fl-area ta' Ħaż-Żabbar. Telefonati oħrajn li għamel mid-dar inqabdu mir-repeater ta' ġewwa x-Xgħajra.

Mill-investigazzjoni rriżulta wkoll li t-telefonati kienu saru lil Aaron Axisa minn fqu mobile numebr 99 89 31 29 li kien ta' Mario Anthony Gatt. Dan kien ċempel lil Aaron Axisa biex l-istess Aaron Axisa jbegħlu d-droga. Kienu ltaqgħu fl-4 ta' filgħodu u Mario Anthony Gatt kien ra basket f'idejn Aaron Axisa liema basket kien jixbaħ dawk li fihom ikun hemm xi laptop.

Kienu kellmu lil Aaron Axisa kemm ix-ixhud, kif ukoll l-Ispettur Fabian Fleri u anke s-Supretendent u l-Assistent Kummissarju min-naħa tas-CID. Kien ingħata d-dritt li ma jitkellimx mill-bidunett. Aaron Axisa kien ammetta li kien daħal fil-knisja. Meta staqsewh fejn kien id-deheb li seraq minn fuq il-Madonna, huwa baqa' jirrifjuta u jgħid li jibża' jikxef u jgħidilhom għand min kien id-deheb. Kienu tawh polcie bail sabeix forsi jmur iġib id-deheb lura. Kien mar lura hekk kif kien ser jagħlaq il-police bail iżda kein qal li ma kienx afdat mill-persuna li kellem biex jagħtih id-deheb lura għax din il-persuna ħasbet li kien segwit jew li kien hemm xi pulizija miegħu.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-ewwel kienu kellmuh is-Supretendent u l-Assitent Kummissarju u kien ammetta li daħal fil-knisja biex jagħmel is-serqa. Imbagħad ammetta max-xhud u mal-Ispettur Fleri. Il-Pulizija riedu li jinġab

lura d-deheb għax dan kein ikun aħjar għall-knisja u għal Aaron Axisa stess. Ix-xhud kompla jwieġeb li l-ewwel stqarrija tal-appellant kienet kollha gideb fejn involva persuna oħra li ma kellhiex x'taqsam. Fit-tieni stqarrija ma weġibx għad-domandi.

L-istess xhud reġa' semma għal darba, darbtejn oħra li l-appellant magħhom kien ammetta li għamel is-serqa mill-knisja.

L-ewwel stqarrija tal-appellant hija dik a fol 41 u għandha d-data tal-24 ta' Novembru 2009. Huwa semma lil ċertu Bianchi li kien jaf li jisraq. L-appellant kien qal ukoll li dan Bianchi ried jeħles minn xi deheb u l-appelalnt ħaseb li dan kien id-deheb li ttieħed mill-knisja għaliex kulħadd kien qed jitkellem fqu dan id-deheb.

It-tieni stqarrija hija dik tas-26 ta' Novembru 2009 u prattikament ma wieġeb għall-ebda mistoqsija ħlief li qal għa darbtejn 'għax għandi tifel u familja barra.'

A fol 78 l-Ispettur Daniel Zammit esibixxa sett ritratti u CD. Ir-ritratti ttieħdu minn fuq is-CD. Fis-CD hemm filmat li fih jidher l-appellant isarraf il-flus.

Ara wkoll fol 152 tal-proċess fejn l-istess xhud esibixxa erba' ritratti tal-kulur u CD li kien meħud minn CCTV recordings tas-Central Bank.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni**

Il-Perti Valerio Schembri esibixxa r-rapport tiegħu. (fol 58).

Fir-rapport il-Perit maħtur mill-Qorti jgħid li l-aċċess aktarx inkiseb permezz ta' scaffolding li kien hemm faċċata tal-knisja. Il-ħalliel aċċeda għall-kampnar. Imbagħad sar sgass billi tkisser minn ġewwa l-lock tal-bieb tla-ħadid.li jinsab f'nofs il-garigor li jagħti għal fuq nett tal-kampnar. Il-ħalliel jew ħallelin għamlu ħsara li tammonta għal 95 Euros. Ma setax jiġi stabbilit bl-eżatt l-ammont ta' ħsara fuq il-bieb tat-tabernaklu. Ma setax ikun stabbilit il-valur totali tal-oġġetti misruqa u l-ammont ta' flus kontanti li

nsterqu. l-serqa saret bejn id-9.30pm tal-21 ta’ Novembru 2009 u l-5.30am tat-22 ta’ Novembru 2009. [1]

Xehed ukoll Jesmond Dalmas li jaħdem bħala security supervisor fil-Bank Ċentrali. Huwa kkonferma li r-ritratti (Dok AD2) kienu meħudin mill-footage li taw lill-Pulizija.

Xehdet ukoll Demaris Agius, data request adminstrator mal-Vodafone, li ppreżentat call profile u l-localisation ta’ żewġ numri - 99 26 65 61 u 99 25 17 69 – tal-21 u t-22 ta’ Novembru 2009.

Xehed ukoll Edmond Calleja , Manager tal-cash office tas-Central Bank. Ix-xhud ikkonferma li kienu tawh is-serial number ta’ karta tal-Lm5 B22993329 u s-serial numebr ta’ karta tal-Lm10 C32039323. Il-flus keinu żammewhom għandhom u imbagħad tawhom lill-Pulizija.

Xehdet Shirley Scerri li taħdem bħala kaxxiera s-Central Bank li qalet li fl-24 ta’ Novembru 2009 kienet marret persuna ssarraf iż-żewġ karti tal-flus li kienet inġibditilhom l-attenzjoni tagħhom lejhom. Hija għarfet lill-appellant (fol 76). Dak il-ħin hija għarrfet lis-Sur Edmond Calleja bil-preżenza tal-appellant.

Xehed l-espert Dr Martin Bajada li kellu l-inkarigu tiegħu estiż biex joħroġ call profile u localisation fid-dati 21 sat-22 ta’ Novembru 2009 għall-mobile mmarkat Dok MB1. Dan l-inkarigu kien reġa’ ġie estiż (fol 144) sabeix ikunu analizzati mmarkati d-dok DA1 a fol 71 sa 77 tal-proċess. A fol 145 Dr Marttin Bajada kien xehed li kien italab jaħgmel call profile fuq il-mobile esibit u t-tliet service providers taw risposta negattiva. Ix-xhud reġa’ xehed fl-4 ta’ Marzu 2011 (fol 174) fejn huwa ppreżenta r-relazzjoni tiegħu u fejn iriżulta **li bejn is-siegħa u t-tlieta ta’ filgħodu tat-22 ta’ Novembru 2009 il-mobile 99251769 kien qiegħed fejn il-knisja parrokkjali ta’ Ħaż-Żabbar.**

PS 659 Jeffrey Hughes li ppreżenta rapport. Dan l-espert ma sab ebda impronta diġitali.

[1] Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg dwar kif sar l-isgass (fol 131).

PS 171 Karl Glenville u PS 826 Matthew Parnis ippreżentaw relazzjoni dwar ir-ritratti li ħadu.

Dwar ir-reċidiva hemm sentenzi mogħtija fit-30 t'Ottubru 2006 (multa) u dik tal-11 ta' Jannar 2008 (piena ta' priġunerija u multa).

**Xhieda Difiża**

Fit-8 ta' April, 2011, l-appellant iddikjara li ma kellu ebda oġġezzjoni li l-proċedura kontrih tkun waħda sommarja.

L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli fis-6 t'April 2011 (fol 193)

A fol 198 u 201 xehdet Vicky Scicluna li qalet li l-appellant kien qed jagħmel progress.

Ikkonsidrat

Li skont l-artikolu 658 tal-Kap 9

Mix-xhieda ta' Father Sebastian Caruana jirriżulta x'insteraq mill-knisja ta' Ħaż-Żabbar fil-lejt ta' bejn il-21 ta' Novembru 2009 y t-22 ta' Novembru 2009, xi ħsara saret kemm lit-tabernaklu kif ukoll sgass ieħor u ż-żewġ noti tal-flus li huwa kien żamm is-serial number tagħhom.

Punt ta' Liġi

Li skont l-artikolu 658 tal-Kap 9

**'658.** *Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.'*

Mix-xhieda tal-Ispettur Daniel Zammit jirriżulta li l-appellant kien ammetta miegħu u ma' membri oħra tal-Korp tal-Pulizija li l-appellant kien daħal fil-Knisja u wettaq is-serqa. Fl-istqarrijiet li għamel l-appellant din l-ammissjoni ma tidhirx.

**Iżda legalment ma torbotx biss l-istqarrija bil-miktub**. L-artikolu 658 tal-Kap 9 għandu l-kelmiet **'kemm ukoll bil-fomm'**. Dan huwa x'qal direttament l-appellant lill-Ispettur u mhux x'qal ħadd ieħor lill-Ispettur li kien qal l-appellant. Permezz ta' dan l-artikolu tal-Kap 9 tali xhieda hija ammissibbli u mhix hearsay evidence. Jekk għall-grazzja tal-argument din titqies li taqa' bħala hearsay evidence, l-artikolu 658 huwa 'eċċezzjoni' oħra għall-hearsay rule b'żieda ma' dak li jidher taħt l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9.

Il-Qorti m'għandha ebda raġuni għala għandha tiddubita dak li xehed l-Ispettur bil-ġurament.

Anzi dan jissaħħaħ kollu b'dak li xehed li l-Pulizija kienu taw Police Bail lill-appellant sabiex imur iġib id-deheb lura. L-appellant ipprova jagħmel dan imma, skont ma qal l-appellant lill-Ispettur, il-persuna li kellha għandha d-deheb beżgħet li l-appellant kien segwit minn xi Pulizija u għalhekk l-appellant ma ġabx id-deheb lura.

Ix-xhieda li tal-Ispettur Daniel Zammit diġa' hija prova qawwija ferm li l-appellant wettaq is-serq mill-knisja ta' Ħaż-Żabbar (flus, laptop (€892), deheb minn fuq il-Madonna u minn fuq il-Bambin, serq mill-kaxxi mxerrdin mal-knisja u mild-'damiġjana') fid-data indikata u kien responsabbli tal-ħsarat kemm fl-isgass (li jammonta għal madwar 95 Euro fil-bieb tal-kampnar u madwar 2000 Euro fil-bieba tat-tabernaklu.

Ma' din il-prova, il-Qorti qed iżżid ir-riżultat tal-call profile li tħejja mill-espert tal-Qorti li wera biċ-ċar li l-appellant kien ħdejn il-knisja ta' Ħaż-Żabbar bejn is-siegħa u t-tlieta ta'

filgħodu u li mhux veru kien id-dar kif kien allega l-appellant.

Fl-aħħarnett, lanqas hemm l-iċken dubju li kien l-appellant stess li mar isarraf iż-żewġ noti li l-Kapillant kien żamm record tas-serial numbers tagħhom.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti jekk wieħed iqis dak li ntqal fl-aħħar żewġ paragrafi wieħed għandu jikkonkludi li kien l-appellant li wettaq is-serqa. Hawnhekk il-provi ċirkostanzjali ma jħallu ebda dubju għax wieħed ma jistax jimmaġina matematikament x’ikun id-denominator f’kalkolu matematiku biex dawn iż-żewġ ‘events’ iseħħu flimkien.

Jekk mal-konsiderazzjoni tal-paragrafu preċedenti tiżdied dak li xehed l-Ispettur – prova ammissibbli ai termini tal-artikolu 658 tal-Kap 9 – allura l-Prosekuzzjoni għandha titqies li ppruvat il-każ ‘l hemm minn kwalunkwe dubju.

Lanqas m’hemm dubju dwar il-prova tar-reċidiva għaliex iż-żewġ sentenzi ngħataw anqas minn ħames snin qabel ma seħħ l-allegat reat.

Dwar li ma saritx stima tad-deheb misruq la-bbli Prosekutur fis-sottomissjonijiet tiegħu rrefera għall-artikou 279 tal-Kap 9 li jagħmel referenza għall-artikolu 325(2) tal-istess Kap.

Dawn l-artikoli jiddisponu kif ġej:

‘Iżda meta għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 325(2) ma jkunx possibbli li jiġi stmat il-valur tal-ħaġa misruqa, dak il-valur għandu jiġi stmat li jkun jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).’

L-artikolu 325 (2) jgħid hekk:
‘Jekk minħabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoliġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-propjeta’ mħassra, danneġġjata jew mgħarrqa ma jkunx possibbli li l-ħsara titqies skont ir-regola

stabbilita fl-artikolu 335, il-ħsara għandha titqies li tkun ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu.

Id-deheb li nsteraq huwa żgur ħaġa storika għax bħalma xehed il-Kappillan dan kien deheb antik. Jista' wkoll li kien artistiku iżda dan il-punt ma ġiex stabbilit fil-provi.

F'dan il-każ il-laptop waħdu jiswa 892 Euros – jiġifieri li dan is-serq diġa' għandu l-gravanti tal-valur. Iżda dan is-serq kellu gravanti oħrajn – il-mezz (sgass), il-lok u l-ħin – li huma kollha ippruvati għaliex l-isgass seħħ biex l-appellanti daħal ; il-lok huwa post pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla (artikolu 269); il-ħin (għaliex ir-reat sar bejn in-nżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx).

Fuq kollox, l-appellant kien reċidiv.

L-appellant jissottometti li t-tieni imputazzjoni għandha tkun assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Sakemm qed jirreferi għall-isgass li sar fuq il-bieb tal-kampnar bidħol ġewwa, l-appellant għandu raġun. Iżda żgur m'għandux raġun dwar l-isgass li sar fuq il-bieba tat-tabernaklu. Mit-tabernaklu ma jirriżulta li seraq xejn u għalhekk din il-ħsara, għall-fini ta' piena, ma tistax tiqies mezz għall-fini iżda għandha titqies apparti. Dan ir-reat waħdu jġorr il-piena kkontemplata fl-artikolu 325(1)(a); biss f'dan il-każ japplika l-artikolu 17(b) tal-kap 9.

Wara li kkonsidrat dan kollu, il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant għaliex. L-appellant injora għal kollox l-istqarrija bil-fomm li ll-appellant għamel mal-Pulizija. Mela l-provi ma kinux biss li l-appellant kellu żewġ karti tal-flus f'idejh. Min-naħa l-oħra wkoll jekk l-Ewwel Qorti straħet fuq (i) il-pussess taż-żewġ karti u (ii)it-telefonati ħdejn il-knisja ta' Ħaż-Żabbar kien ikun biżżejjed. Dawn ma kinux telfonati ħdejn il-knisja ta' Ħaż-Żabbar f'xi ġurnata oħra lanqas ma kienu xi telfonata waħda u wieħed jirraġuna li l-appellant seta' kien għaddej minn hemm.

Il-Qorti tiċħad ukoll dik il-parti tal-aggravju dwar il-valur tad-deheb għar-raġunijiet mogħtija aktar ‘il fuq.

Il-parti qed tiċħad ukoll dik il-parti tal-aggravju dwar il-ħsara għaliex l-appellant jidher li llimita ruħu biss għall-ħsara fuq il-bieb tal-kampnar fejn tassew kien jista' japplika l-artikolu 17(h) iżda injora l-ħsara fuq it-tabernaklu li kienet għal iżjed mill-figura li tidher fit-tieni imputazzjoni u ma kellha x'taqsam xejn mas-serq tad-deheb jew tal-flus.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-appellant kellu problema tad-droga u li l-appellant għamel progress sew. Imma ma tistax il-Qorti tinjora li l-Pulizija taw lill-appellant iċ-ċans biex imur iġib id-deheb u ma ġabux u lanqas ma jidher li pprova jagħmel xi ħaġa mid-data tal-allegat reat sa llum. Fuq kollox, l-appellant huwa reċidiv.

**Biss il-Qorti qed tikkonsidra li l-Kappillan ħafer lil min kien wettaq ir-reat u għalhekk ser tnaqqas il-piena bi ftit.**

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Marzu, 2012 billi waqt li qed tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, qed tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant għall-piena ta' priġunerija ta' tliet snin u minflok qed tikkundannah għall-piena ta' sentejn u tmien xhur. Minn din il-piena għandu jitnaqqas kull żmien li l-appellant għadda taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------